# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

### Seduta ta' nhar il-Hamis 24 ta' Mejju 2018

**Rikors Numru : 245/2017 JPG**
**Kawza Numru : 2**

**Christian Zammit (k.i 463086M)**

**Vs**

**Jeanne Borg (k.i 358588M)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat ta' Christian Zammit (k.i 463086M), datat 17 ta' Marzu 2017 a fol 1 et seqq li jaqra hekk:

1. *Illi l-esponenti ghal numru ta' snin kien f'relazzjoni mal-intimata, izda din ir-relazzjoni spiccat ftit zmien ilu;*

2. *Illi matul is-snin kollha li l-partijiet damu fir-relazzjoni flimkien, l-esponenti kien prattikament jipprovdi dak kollu li l-intimata kien ikollha bzonn, u ta' dan huwa qatt ma gie kkumpensat mill-intimata, li qatt ma harget is-sehem taghha ghal dan kollu;*

3. *Illi fost l-ohrajn u kif ser jigi ppruvat matul is-smiegh ta' din il-kawza, l-esponenti jaghmel riferenza ghas-segwenti – (i) l-intimata ghal diversi snin kienet taghmel uzu minn vettura tat-tip BMW proprjeta' tal-esponenti bhal li kieku kienet taghha, u dan b'konsum ta' madwar sittin ewro (€60) diesel fix-xahar li kien ihallas ghalih l-esponenti; (ii) l-esponenti kien jixtri lill-intimata madwar pakkett sigaretti kuljum fuq medda ta' snin; (iii) l-intimata ghal numru ta' snin kienet tikkonsma jew tiehu ikel mill-hanut gestit mill-esponenti u dan b'valur ta' madwar seba' ewro (€7) kuljum li ghalih l-intimata qatt ma hallset; u (iv) l-esponenti kien dejjem ihallas ghall-intimata ta' ikel u xorb meta kienu johorgu f'ristoranti u postijiet ohrajn simili ta' divertiment u dan f'ammont ghas-sehem taghha ta' madwar hamsin ewro (€50) fil-gimgha, u dan kollu apparti li l-intimata kienet torqod, tiekol u tinhasel fir-residenza tal-esponenti ghal diversi snin;*

4. *Illi wara snin li l-partijiet kienu fir-relazzjoni flimkien, l-esponenti kien ilu ghal diversi xhur jekk mhux snin jghid lill-intimata li huwa ma riedx ikompli f'din ir-relazzjoni izda l-intimata donnu qatt ma riedet taccetta dan il-fatt u baqghet tinsisti li jibqghu f'relazzjoni sakemm fl-ahhar din ir-relazzjoni spiccat recentement;*

5. *Illi minkejja li giet interpellata sabiex tersaq ghal-likwidazzjoni u hlas ta' ammonti dovuti lill-esponenti, l-intimata baqghet inadempjenti;*

6. *Illi l-esponenti jaf personalment bil-fatti hawn dikjarati;*

7. *Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

*Ghaldaqstant, in vista tal-premess, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarju u opportuna, l-esponenti jitlob umilment li dina l-Onorabbli Oorti togħgobha:*

(i) *Tiddikjara li l-intimata ghandha tikkumpensa lill-esponenti ta' spejjez li huwa inkorra ghal beneficcju taghha matul iz-zmien li huma kienu f'relazzjoni flimkien;*

*(ii) Tillikwida l-ammont dovut lill-esponenti mill-intimata bhala kumpens u/jew rimbors ta' spejjez inkorsi minnu ghal beneficcju taghha, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;*

*(iii) Tordna lill-intimata thallas lill-esponenti dak l-ammont hekk likwidat fi zmien qasir u perentorju li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna.*

*Bl-ispejjeż kollha, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata fit-28 ta' Dicembru 2016 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment, kontra l-intimata li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors, id-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata ta' Jeanne Borg (k.i 358588M), datata 2 ta' Mejju 2017 a fol 8 et seqq li taqra hekk:

1. *Illi preliminarjament jigi eccepit li l-att promotur pprezentat minn l-attur huwa null u bla effett fil-ligi stante li kawza fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili tista tigi mibdija, salv fejn pprovdut xort'ohra mil-ligi, permezz ta' rikors guramentat u l-att ipprezentat ma huwiex rikors guramentat. Dan l-att addirittura jibda bil-kliem "Jesponi bir-rispett..." u gialdarba l-istess att huwa null, konsegwentement l-azzjoni attrici hijia nulla u bla effett fil-ligi.*

2. *Illi minghjar pregudizzju gha-suespost, jehtieg li l-attur in limine litis jiddikjara taht liema dispozizzjoni tal-ligi qed jibbaza l-azzjoni tieghu u/jew jispecifika n-natura ta' l-azzjoni tieghu. Fid-dawl ta' l-ambigwita' ta' dak dikjarat fl-att promotur ta' l-attur li jaghmilha difficli sabiex wiehed jaghraf x'tip ta' azzjoni qed jivvanta, l-konvenuta qieghda min'issa tirrizerva d-dritt li titlob li tithalla tressaq risposta guramentata ulterjuri sabiex tiddefendi ruhha adekwament ghat-talbiet attrici in linea mal-principji ta' smiegh xieraq u parita' ta' l-armi bejn il-partijiet;*

3. *Illi minghjar pregudizzju ghas-suespost, t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li fl-ewwel lok ma huwiex minnu li wettaq dak dikjarat minnu u fit-tieni lok dato ma non concesso li wettaq dak dikjarat minnu, dan ma jaghtih l-ebda dritt fil-ligi jitlob rimbors tal-flus mhallsa minnu minghand l-esponenti;*

4. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost jekk l-azzjoni li qeghda jittenta l-attur hija dik maghrufa bhala l-azzjoni ghall-isponsali din hija ukoll nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li ma jissussistux l-elementi mehtiega ghal tali azzjoni;*

5. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-azzjoni attrici saret biss b'ritaljazzjoni ghal kawza ipprezentata mill-konvenuta kontra l-attur 140/2017 JZM u kwindi hija wahda frivola u vessatorja u ghalhekk il-konvenuta filwaqt li tipprotesta ruhha ghall-ispejjez ta' din il-proceduri, hija tal-fehma li din l-Onorabbli Qorti ghandha tiehu dan il-fatt in konsiderazzjoni meta tigi biex tiddetermina l-kap ta' l-ispejjez f'din il-kawza u l-quantum ta' l-ispejjez pagabbli.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Dikjarazzjoni guramnetata ta' Jeanne Borg (Karta ta' l-Identita Numru 358588M) datata 2 ta' Mejju 2017 a fol 10 li taqra hekk:

1. *Illi huwa minnu li l-esponent u l-attur kellhom relazzjoni;*

2. *Illi huwa minnu li din intemmet;*

3. *Illi hija kienet ipprezentat kawza kontra l-istess attur ghal hlas ta' servigi rezi minnha lilu b'rabta man-negozju teighu u din il-kawza ggib n-numru 140/2017 JZM;*

4. *Illi sabiex jipprova jpattiha lill-esponenti l-attur fetah din il-kawza;*

5. *Illi dak li qed jghid li hallas l-attur ghall-esponent ma huwiex minnu kif ser jigi ppruvat f'dan il-kaz u qieghed jigi pretiz biss biex l-attur ma jhallasx lill-esponenti dak li ghandu jhallasha skont il-kawza l-ohra li fethet hi;*

Rat ir-rikors ta' Jeanne Borg (ID:358588M) datat 6 ta' Ottubru 2017 a fol 15B et seqq li jaqra hekk:

*Illi l-mandat ta' sekwestru de quo inhareg fost l-ohrajn fuq is-salarju tal-esponenti li tahdem mal-Malta Enterprise (Malta Life Sciences Park);*

*Illi l-Artikolu 381(1)(a) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi ma jistghux jinhargu mandati ta' sekwestru fuq salarju jew paga;*

*Illi imbaghad l-Artikolu 382(1) illi "Fil-kaz ta' salarju, paga, beneficcju, pensjoni jew allowance imsemmija fl-artikoli 381(1)(a) u (b), hlief ghal kull beneficcju, pensjoni, allowance jew ghajnuna msemmija fl-Att dwar is-Sigurta' Socjali, meta dawk jeccedu sitt mija u tmienja u disghin euro u wiehed u tmenin centezmu (€698.81) fix-xahar jew dik is-somma li l-Ministru responsabbli ghall-Gustizzja jista' minn zmien ghal zmien b'ordni jistabbilixxi, il-hrug ta' mandat ta' sekwestru jkun jghodd fuq dik il-parti li teccedi l-ammont imsemmi qabel";*

*Illi fil-prezent is-salarju kollu tal-esponenti qieghed jinzamm mill-Banek indikati bhala sekwestru u dan imur kontra dak li jiddisponu l-Artikolu fuq citati;*

*Illi dan ifisser illi ghal dawn l-ahhar xhur l-esponenti kienet qeghdha tghix bil-ftit flus li jistghu jghaddulha ommha u missierha;*

*Ghaldaqstant, fid-dawl tal-fatti hawm esposti, l-esponenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tawtorizza lill-esponenti tizbanka mir-Registru tal-Qrati Civili s-somma ta' €4,193.46 rapprezentanti sitt xhur salarju (mid-data effettiva tal-mandat u cioe' s-17 ta' Marzu, 2017 sas-16 ta' Settembru,2017);*

2. *Tordna lil bank HSBC Bank Malta plc sabiex b'ottemporanza ma' dak li jiddisponu l-Artikoli fuq citati, kull xahar ghad-durata ta' dan il-mandat, jirrilaxxa favur l-esponenti s-somma ta' €698.81 minn kull salarju depozitati fil-kont taghha mill-Malta Enteprise kif indikat qabel.*

*Salv ghal kull provvdiment li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha timponi.*

Semghat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni finali mill-avukati difensuri tal-partijiet. (Vide fol 51 et seqq)

**Ikkonsidrat;**

**Ir-rikorrent Christian Zammit** xehed a fol 23 *et seqq* illi huwa ghandu hanut bl-isem ta' 'The Fruit Basket' fl-Ibragg. Xehed illi hu u l-intimata kellhom relazzjoni flimkien li kienet damet ghal circa hdax -il sena, ghalkemm ma kellhomx hsieb li jizzewgu. Zied jghid li llum il-gurnata m'ghadhomx flimkien. Xehed illi l-intimata ma kellhiex karozza u ghalhekk kienet tuza l-karozza tieghu, li kienet BMW 5 series, li kien xtara f'circa 2010, u zied li ghalkemm fil-maggior parti tal-hin din il-karozza kienet tintuza mill-intimata, hafna drabi kien ikun hu li jaghtiha d-diesel, qisu xi €60 jew €70 fix-xahar. Qal ukoll li kienu johrogu darbtejn kull gimgha u kien dejjem ihallas hu, b'nefqa ta' xi €120-€130 meta jmorru jieklu, jew xi €50-€60 meta jmorru jixorbu. Xehed li l-hbieb taghha kienu jirreferu ghalih bhala l-"*whip it"* u kienu jikkorraguha biex tordna hafna u thalli lilu jhallas nonostante l-fatt li l-intimat kienet tahdem *fulltime.* Qal ukoll illi l-intimata kienet toqghod ghand ommu, u meta ma kienx jogghobha dak li tkun sajret ommu, kienu tiehu l-affarijiet mill-hanut tieghu b'xejn biex issarjjar ghaliha, oltre li kienet tiehu s-sigaretti mill-hanut.

Rigward Dok CZ1 jindika li l-kontendenti kienu jordnaw ikel bi *starter, main course* u dizerta. Dan ic-*chat* juri wkoll li kien ikun hu li dejjem ihallas kollox. Rigward Dok

CZ2 spjega li dan kien ittiehed il-Hadd meta hi kienet tkun bil-BMW filwaqt li hu ikun Hal Far bil-karozza l-ohra. Rigward CZ3 spjega li dan juri l-karozza barra fit-triq, bhala prova li kienu johorgu u mhux sempliciment joqgohdu d-dar. Prova li kienu johorgu huwa Dok CZ5, ritratt tal-partijiet barra, Dok CZ6 li juri l-partijiet waqt ikla ma' xi hbieb u CZ7 juri l-partijiet l-bahar flimkien, fejn kien ikun hu li jhallas ghas-*sunbed* u l-affarijiet l-ohra. Xehed li Dok CZ9 juri l-mizien tax-xoghol li juri li l-intimata kienet tmur tghinu, u ikkonferma li hu qatt ma kien ihallasha ghal dan peress li hi kienet sempliciment tkun qed tghinu. Spjega li Dok CZ11 juri l-karozza Audi li kienet xtrat l-intimata u bieghet wara xahar ghaliex il-karozza tieghu kienet aktar komda u ghaliex kien ihallas id-diesel hu. Meta rega gie mistoqsi mill-Qorti jekk kienx hemm xi raguni ohra apparti l-kwistjoni tad-diesel ghal dan il-bejgh, xehed illi l-molol kienu iebsin u allura l-karozza tieghu kienet iktar komda.

**L-intimat Jeanne Borg** xehdet a fol 31 *et seqq* u kkonfermat li l-partijiet kellhom relazzjoni ta' ghaxar snin li ntemmet f'Novembru tal-2016. Xehdet li ghalkemm kellha xoghol *fulltime,* hi kienet tmur tahdem fil-hanut tar-rikorrent fil-ghodu qabel tmur ghax-xoghol taghha. Wara li tispicca mix-xoghol, kienet terga tmur il-hanut tghin lil attur u taghmel id-*deliveries* ghalih. Qalet illi biex taghmel dawn id-*deliveries* kienet tmur bil-karozza BMW tieghu. Ikkonfermat li hija qatt ma kienet tithallas ghax-xoghol li kienet taghmel. Spjegat li kienet tibda x-xoghol taghha fit-8.00am, izda fis-sitta ta' filghodu kienet tmur fil-hanut tar-rikorrent, u peress li kienet tahdem faccata, kienet titlaq x'hin ikun sar il-hin ghax-xoghol taghha. Kompliet li meta kienet tispicca mix-xoghol u cioe fl-erbgha ta' wara nofsinhar, kienet tibqa' sejra fil-hanut tar-rikorrent biex l-ewwel taghmel id-*deliveries*, imbaghad wara, kienet tmur biex tghinu jaghlaq u jahsel u jaghmel l-affarijiet kollha li hemm bzonn isiru fl-ahhar tal-gurnata. Qalet li gieli kienu anke jdumu sa xi l-ghaxra u nofs ta' bil-lejl, u li dan kienu ikun ta' kuljum inkluz il-Hdud. Xehdet li hi kienet toroqd ghand ommu hafna drabi, izda kienet ukoll torqod f'darha (tal-intimata) xi drabi, u li gieli kielet ghand ommu. Qalet illi ghalkemm huwa minnu li xi drabi kien ihallas hu meta johorgu, kien hemm ukoll drabi meta hallset hi, u ziedet li kienu ghamlu perjodu ta' tlieta jew erba' snin minghajr qatt ma johrogu peress li r-rikorrent kellu l-vizzju tal-loghob tal-azzard. Qalet li barra minn hekk, kien hemm drabi fejn hi kienet selfitu l-flus, u ezebiet kopji ta' dokumenti, miktubin minnu, li jikkonfermaw dan. Spjegat li dawn il-flus kienet tislifhomlu ghaliex tant kien jilghab li ma kienx ilahhaq jaghmel

il-hlasijiet. Illi r-rikorrenti sostniet li ghadu ma hallasiex lura dawn il-flus li selfitu. Xehdet li r-rendikont esebit bhala Dok JB 3 juri li hi kienet thallas ghal affarijiet li kienet tiehu mill-hanut tar-rikorrent, li kienet thallas ghad-diesel tal-karozza. Rigward Dok JB4 spejgat li dawn huwa konversazzjonijiet fuq *facebook* b'ezempji ta' meta kien jitlobha l-flus, u ziedet li meta kienet talbitu l-flus li selfitu lura, kien qalilha li jekk tmur ghalihom jaghmlilha rapport l-ghassa. Xehdet li kienet hi li temmet ir-relazzjoni, u dan ghaliex saret taf li r-rikorrenti kellu wicc haddiehor.

**In kontro-ezami** ikkonfermat li l-pretensjoni taghha ghax-xoghol li ghamlet fil-hanut tar-rikorrent giet deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta u llikwidata fl-ammont ta' €12,500.

**Ikkonsidrat;**

L-intimat eccepiet preliminarjament illi l-att promotur huwa null u bla effett stante li r-rikors promotur m'huwiex guramentat kif trid il-ligi.

Wara li ezaminat l-att promotur tar-rikorrenti, il-Qorti taghraf li din l-eccezzjoni hija ghal kollox infondata ghaliex huwa car li r-rikors promotur tar-rikorrent sar fil-forma mehtiega skont il-ligi. Huwa minnu li r-rikors jibda billi jghid '*Jesponi bir-rispett",* kif wara kollox jaghmel kull rikors iehor, guramentat jew le, li jigi prezentat quddiem il-Qorti. Jekk wiehed ikompli jaqra, literalment ghaxar kelmiet wara dan ikompli hekk: "*bil-gurament tieghu jikkonferma."* **A fol 3 tal-process jidher it-timbru li jipprova li r-rikorrent deher personalment u halef il-korrettezza tar-rikors promotur bil-gurament tieghu.**

Ghalhekk huwa immedjatament car li din l-eccezzjoni hija assolutament nfondata, u qed tigi michuda bl-ispejjez.

**Ikkonsidrat;**

Illi permezz tat-tieni eccezzjoni taghha, l-intimat eccepiet illi r-rikorrent ghandu jiddikjara taht liema disposizzjoni tal-ligi qed jibbaza l-azzjoni tieghu u/jew jispecifika n-natura tal-azzjoni tieghu. Il-Qorti rat illi filfatt ir-rikorrent kien gie

ordnat jaghmel dan permezz ta' nota fil-31 ta' Mejju 2017, izda din in-nota qatt ma giet prezentata.

Illi pero, fit-trattazzjoni tieghu r-rikorrent indika li din l-azzjoni qed issir a bazi ta' allegati servigi li nghataw lill-intimata, u jidher li din il-bazi ta' azzjoni hija koperta mill-eccezzjonijiet tal-intimata, u l-linja difensjonali taghha giet spjegata f'aktar dettal fit-trattazzjoni finali. Ghalhekk jidher li l-intimata ma sofriet l-ebda pregudizzju u li ghalhekk din l-eccezzjoni giet sorvolata.

**Ikkonsidrat;**

Fit-trattazjoni tieghu, r-rikorrent jispjega li din hija kawza ta' servigi, bbazata fuq il-fatt illi waqt ir-relazzjoni li kellhom il-partijiet, kien hu li kien ihallas ghall-ikel u x-xorb meta kienu johorgu; li l-intimata kienet tuza l-karozza tieghu waqt li hu kien ihallas ghad-*diesel;* li kienet tiehu oggetti mill-hanut tal-merca tieghu bhal hlas; u li kienet tiekol u torqod ghand ommu minghajr hlas.

Jibda biex jinghad illi mhux kwalunwke servizz jew ghajnuna moghtija jew pjacir maghmul jistghu jikkwalifikaw bhala servigi. Kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Barbara et vs Maria Dolores sive Doris Vella et** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-20 ta' Gunju 2002:

> "***Kumpens ghal servigi m'ghandux jinghata ghal kull haga ta' xejn jew kull meta jkun hemm ghajnuna li ma tohrogx 'l barra minn dak li hu ragjonevolment mistenni*** *mill-ulied lejn genituri anzjani*."

Fil-fehma tal-Qorti, apparti l-fatt illi hawn non si tratta ta' ulied u genituri anzjani kif strettament tirrikjedi l-ligi, l-azzjoni tar-rikorrent ma tistghax tirnexxi peress illi ma jirrizultax li hu attwalment ippresta servigi lill-intimata kif prospettat mill-ligi. Is-'servigi' li r-rikorrent jikkontendi li ppresta jissarfu essenzjalment fi hlas ta' ikliet waqt ir-relazzjoni amoruza taghhom, hlas ghall-uzu tal-karozza tieghu, hlas ghad-*diesel,* hlas ghal xirjiet zghar u sigaretti mill-hanut tieghu, u hlas ghas-soggiorn tal-intimata ghand ommu.

Fir-rigward tal-fatt li l-intimata kienet torqod u tiekol ghand omm ir-rikorrent, il-Qorti tqis illi l-largument tar-rikorrent ma jregiex il-ghaliex semmai kienet l-omm illi pprestat dawn is-servigi. L-omm tar-rikorrent m'hijiex parti in kawza. Ghalhekk id-dritt t'azzjoni jvesti f'ommu u mhux fir-rikorrent.

Fir-rigward tal-bqija, l-Qorti tqis illi l-fatti tal-kawza ma jirrafigurawx f'servigi. Dak li minnu qed jilmenta r-rikorrent huwa eghmil normali fil-kuntest ta' relazzjoni amoruza, u mhux servigi. Jekk il-partijiet kienu hargu jieklu waqt ir-relazzjoni taghhom, u xi hadd minnhom hallas il-kont, ma jfissirx b'daqshekk li rrenda servigi lil parti l-ohra li ghalih ghandu jkun hemm kumpens. Fil-fehma tal-Qorti hija n-norma li wara li l-koppja tkun ilha certu ammont ta' zmien flimkien, ma jfittxux bejniethom u jiddividu kull kont ugwalment, izda minflok iz-zewg partijiet generalment ihallsu l-kont shih daqqa wiehed u daqqa iehor, minghajr aspettiva ta' rimbors pekunarju, ghaliex ghal kull parti, l-investiment f'xulxin u fir-relazzjoni taghhom jiehu xejra aktar importanti mill-ugwaljanza finanzjarja kkalkolata sal-ahhar centezmu. Dak li r-rikorrent qed jallega li ghamel u li skont hu jissarfu f'*servigi* m'hu xejn aktar minn dak li hu ragonevolment mistenni minn kwalunkwe wahda mill-partijiet fil-kors ta' relazzjoni amoruza ta' certa durata, bhal ma kienet dik tal-kontendenti. Wara kollox, dak li ghamel ir-rikorrent kien ukoll a beneficcju tieghu, peress li meta hallas, dan ghamlu ghaliex il-partijiet kienu hargu flimkien, u mhux ghaliex kien jaghti xi flus lill-intimata biex tkun tista' tohrog wahedha jew mal-hbieb taghha minghajru. Filfatt jirrizulta mix-xhieda tal-intimata illi bhal ma kien hemm drabi fejn kien ihallas ir-rikorrent, kien hemm drabi wkoll fejn kienet thallas hi meta johrogu. Kif intqal, dan huwa ghal kollox normali fil-kuntest ta' relazzjoni amoruza bhal ma kellhom il-partijiet, u huwa assurd li jinghad li dan jammonta ghal servigi.

Fir-rigward tas-sentenza fl-ismijiet **Marthese Zammit vs Ivan Zammit** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-6 ta' Mejju 2004, citata mir-rikorrenti fit-trattazzjoni tieghu, il-Qorti tirrileva illi din is-sentenza ma tista' ssib l-ebda applikazzjoni f'din il-kawza. Wara li ezaminat is-sentenza citata, l-Qorti taghraf li l-likwidazzjoni ta' danni li saret f'din is-sentenza kienet ghal danni inkorsi mir-rikorrent f'dik il-kawza b'konsegwenza tat-thassir ingust tat-thassir tal-gherusija bejn il-kontendenti. F'dan il-kaz, ir-rikorrent stess qal ***ex admissis*** **fix-xhieda tieghu illi**

**bejn il-partijiet qatt ma kien hemm il-hsieb li jizzewgu**. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti huwa car li s-sentenza citata fit-trattazzjoni hija ghal kollox aljena ghal fatti speci ta' dan il-kaz. Barra minn hekk, f'dan il-kaz jirrizulta mix-xhieda tal-intimata li fil-maggior parti tad-drabi, hija kienet tiehu l-karozza tieghu ghaliex kienet tmur taghmel id-*deliveries* tal-hanut tieghu hi. Ghalhekk certament f'dan ir-rigward ma jistghax jinghad li kien hemm servigi ghall-uzu tal-karozza tar-rikorrent, jew hlas tad-*diesel,* galadarba l-intimata kienet qed **taghmel uzu minn din il-karozza a beneficcju tar-rikorrent stess**.

Illi barra minn hekk, anke li kieku kellu jigi accettat li r-rikorrent ippresta xi forma ta' servigi lill-intimata, dan ma jfissirx necessarjament li huwa legalment intitolat ghal kumpens. Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Guzeppi Borg vs Emanuel Azzopardi** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-19 ta' Mejju 2005:

> "*Huwa stabilit li l-bażi ta' azzjoni ghal servizzi moghtija triegi fuq żewg sisien: jigifieri, fuq il-kważi kuntratt u fuq il-preżunzjoni li min jaghti servizz lil haddiehor jaghmel hekk bil-fehma li jithallas ta' dak li jaghmel. Minbarra dan, ilu żmien twil accettat li l-hlas ta' servigi jista' jkun dovut mhux biss jure actionis, jigifieri meta huwa miftiehem, imma wkoll officio judicis, jigifieri meta mic-cirkostanzi jkun jidher sewwa li min ta dak is-servizz ried li jithallas tieghu jew kien imwieghed hlas ghalih.* ***Biex wiehed jasal biex jara jekk persuna kellhiex il-fehma jew l-istennija li tithallas, ghandu jitqies il-waqt meta nghataw tali servizzi, ghaliex <u>ic-cirkostanzi li jsehhu wara ma jservux biex joholqu b'lura dritt ta' fehma li ma kinitx l-intenzjoni tal-partijiet li joholqu</u>***."[1]

[1] Vide wkoll **Gio Maria Zammit et vs Avukat Dottor Joseph Vella noe,** Qorti tal-Appell deciza 1 ta' Dicembru 1958, **Carmela Farrugia et vs Mary Abela,** Qorti tal-Appell, deciza 6 ta' Ottubru 1961, **George Sciberras et vs Josephine Spiteri et,** Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 13 ta' Frar 2001, **Joseph Cassar et vs Espedito Spiteri,** Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza 4 ta' Ottubru 2002, **Joseph Portelli et vs Rik Limited**, Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza 16 ta' Dicembru 2003.

Huwa car f'dan il-kaz illi r-rikorrent beda jippretendi kumpens ghal flus li kien jonfoq meta kienu johorgu l-kontendenti, u kumpens relatat mal-uzu tal-karozza, mhux waqt li l-partijiet kienu ghadhom fir-relazzjoni taghhom, **izda wara** li din ir-relazzjoni ntemmet. Precizament infatti wara li l-intimata fethet kawza kontra r-rikorrent – (xahar qabel) l-intavolar ta' din l-azzjoni, ghal kumpens ta' servigi prestati lilu meta kienet tahdem bla hlas fil-hanut tal-merca tieghu. Il-Qorti tikkonsidra illi f'dan il-kaz m'hemm xejn li jindika li r-rikorrent kien qed jippretendi xi kumpens ghal hlasijiet li kien jaghmel meta johorgu jew ghal uzu tal-karozza. **Filfatt r-rikorrent jidher li ma zamm ebda ricevuta u ebda rendikont li b'xi mod jindika li hu kien qieghed jaghmel dak kollu mhux ghaliex dan kien normali fil-kuntest ta' relazzjoni romantika izda ghaliex kien qed jippretendi xi hlas**.

Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti, l-ewwel talba hija nfondata u ma tistghax tigi milqugha, u t-talbiet l-ohra, peress li huma konsegwenzjali ghal din l-ewwel talba, wkoll ghandhom jigu michuda.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimata, u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni eccezzjoni peress illi tidher li giet sorvolata, tilqa' t-tielet eccezzjoni tal-intimata, u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-bqija tal-eccezzjonijiet tal-intimata, u tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.**

**L-ispejjez ghandhom jithallsu in kwantu ghal 90% mir-rikorrent, u 10% mill-intimata.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**